# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru.: 252/2020 MH**

**Illum, 29 ta' Jannar, 2021**

**Av Joseph Sammut (K.I. Nru 430083M) u l-Av Gianella Farrugia (K.I. 363093M) bħala mandatarji speċjali tal-Kaptan Peter John Rackemann (numru tal-passaport Awstraljan N2095512)**

**vs**

**Clara Assi bin-numru tal-passaport Franċiż 14DH86040 u l-Bastiment bl-isem ta' M.Y. Flying Dragon in solidum bejniethom**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ġuramentat tal-atturi noe tal-14 t'April 2020** li permezz tiegħu gie premess:

*" Jesponu bir-rispett u bil-gurament taghhom jikkonfermaw li jafu personalment il-fatti segwenti:-*

*Illi l-intimati huma debituri tar-rikorrenti Kaptan fl-ammont kumplessiv ta Erbghin elf, disgha mija u tlieta u sebghin ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€40,973.29) rapprezentanti salarju mix-xahar ta' Dicembru tal-elfejn u dsatax (2019) sal-hdax (11) ta' Marzu elfejn u ghoxrin (2020), rimbors ta' ammonti mhallsa mill-istess kaptan ghall-ikel tal-ekwipagg li skont il-kuntratt tal-impjieg ghandhom ikunu nkorsi minn min qed jimpjega u dan kif jirrizulta minn Dok B, flimkien ma beneficcji varji ohra, u dan kif jirrizulta ahjar mid-dikjarazzjoni u elenku tal-ammonti hawn annessa u mmarkata bhala Dok A.*

*Illi l-intimati minkejja li gew interpellati sabiex ihallsu l-ammont dovut baqghu inadempjenti;*

*Illi l-ammont mitlub huwa cert, likwidu u dovut u, fil-fehma tar-rikorrent, l-intimati m'ghandhom l-ebda eccezzjonijiet x'jissollevaw kontra t-talbiet rikorrenti;*

*Illi ghalhekk huwa applikabbli ghal dawn il-proceduri d-disposizzjonijiet ghad-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-artiklu 167 et seq tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.*

*Jghidu ghalhekk l-intimati ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni:-*

1. *Taqtta u tiddeciedi din it-talba tal-atturi nomine bid-dispensa tas-smiegh ai termini tal-artikolu 167 et seq tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*
2. *Tiddikjara lill-konvenuti huma debituri tar-rikorrenti fl-ammont komplessiv ta' Erbghin elf, disgha mija u tlieta u sebghin ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€40,973.29) rapprezentanti salarju, rimborsi u*

*beneficcji ohra u dan kif jirrizulta ahjar fid-Dok A hawn anness, u konsegwentament,*

3. *Tikkundanna lill-intimati jhallsu lir-rikorrenti s-somma komplessiva ta' Erbghin elf, disgha mija u tlieta u sebghin ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€40,973.29).*

*Bl-ispejjez u bl-interessi kummercjali skont il-ligi sad-data tal-hlas effettiv kontra l-intimati li huma minn issa ingunti in subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati baqgħu kontumaċi.

Rat illi l-kawża tħalliet għall-lum għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Permezz tal-proċeduri odjerni l-attur jallega li, bħala kaptan tal-vapur konvenut, huwa kreditur tal-konvenuti għas-somma ta' €40, 973.29 rappreżentanti salarju mix-xahar ta' Diċembru 2019 sal-11 ta' Marzu 2020, rimobors ta' ammonti mħallsa mill-istess attur għall-ikel tal-ekwipaġġ u benefiċċji oħra. Huwa qiegħed jitlob lill-Qorti tordna l-ħlas tal-ammont imsemmi.

Din il-kawża qegħda ssir a tenur tal-artikolu 167 et seq tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti rat id-dokumenti kollha preżentati in atti, fosthom dikjarazzjoni u elenku tal-ammonti mitluba, il-kuntratt ta' mpjieg tal-istess attur tat-12 ta' Lulju 2019

(regolat bil-liġi Maltija – klawsola 11 tal-kuntratt) u l-konferma bil-miktub li r-reġistrazzjoni tal-vapur taħt bandiera Maltija ġiet kanċellata.

Ġiet esibita wkoll dokumentazzjoni li turi li l-konvenuta Clara Assi ħadet konjizzjoni tad-dejn u li hija għandha d-dejn mal-ekwipaġġ. Senjatament rat ukoll in-nota tal-attur nomine fejn ġiet spjegata in-notifika tal-konvenuti. Rat f'dan ir-rigward ukoll il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Settembru, 2020.[1]

Fiċ-ċirkustanzi u wara li rat dawn il-provi l-Qorti tqis li t-talba tal-attur hija ġustifikata.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet tal-attur kif dedotti bl-ispejjeż kontra l-konvenuti solidalment bejniethom.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**

[1] Folio 117